MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 290/1998/1

**Moby Rentals Limited**

***Vs***

**Marthese Attard**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta kriet il-vettura, tal-marka Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni numru X-5545, minghand is-socjeta` attrici, ghall-perijodu u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim tal-kiri relattiv (Dokument 'A');

Premess illi, waqt il-perijodu ta’ din il-kirja, il-konvenuta ppermettiet bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja, illi din il-vettura tinstaq minn terzi;

Premess illi, fil-25 ta’ Lulju 1996, l-istess vettura kienet involuta f’incident awtomobilistiku fi Triq Elia Zammit, San Giljan, f’hin meta l-istess vettura ma kienitx qeghdha tinstaq mill-konvenuta;

Premess illi, b’konsegwenza ta’ l-istess incident awtomobilistiku, is-socjeta` attrici sofriet danni, kemm minhabba l-hsarat kif ukoll minhabba t-telf ta’ uzu ta’ l-istess vettura sakemm din giet imsewwija, fl-ammont kumplessiv ta’ elf tlett mija wiehed u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1381.38);

Premess illi, ai termini tal-ftehim tal-kiri ta’ l-istess vettura, il-konvenuta hija responsabbli li thallas dawn id-danni lis-socjeta` attrici;

Premess illi, in oltre, il-konvenuta tinsab debitrici wkoll ta’ l-istess socjeta` attrici, fis-somma ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) bhala bilanc tal-prezz tal-kiri ta’ l-istess vettura;

Premess illi nonostante interpellati sabiex thallas din is-somma dovuta minnha bhala kera, u li tersaq, fl-istess waqt, ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici kif fuq spjegat, il-konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici b’kagun ta’ l-incident awtomobilistiku illi sehh fil-25 ta’ Lulju 1996, fi Triq Elia Zammit, San Giljan, f’liema incident kienet involuta l-vettura tal-marka Ford Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni X-5545, proprjeta` tas-socjeta` attrici, fi zmien meta l-istess vettura kienet mikrija lill-konvenuta u f’hin meta l-

istess vettura ma kenitx qeghdha tinstaq mill-istess konvenuta, liema danni jikkonsistu kemm fi hsarat kif ukoll f'telf ta' uzu ta' l-istess vettura fil-perijodu illi fiha kienet qeghdha tissewwa;

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett mija wiehed u tmenin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1381.38), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-istess socjeta` attrici kif fuq spjegat;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) bhala bilanc tal-prezz tal-kiri ta' l-istess vettura;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 1997 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi ghalkemm debitament notifikata, il-konvenuta baqghet ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-fatti f'din il-kawza huma pjuttost semplici:-

I. Il-konvenuta kriet minghand is-*sub-agent* tas-socjeta` attrici l-vettura Numru ta' Registrazzjoni X-5545. Dan skond ftehim ta' kiri datat 23 ta' Lulju 1996 (fol. 14);

II. Skond is-*sub-agent* Joseph Vanhear (fol. 62), il-konvenuta kienet klijenta frekwenti tal-kiri tal-karozzi minghandu;

III. Jumejn fuq li nkriet il-vettura fuq riferita, u precizament fil-25 ta' Lulju 1996 – ara digriet tal-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Dicembru 1995 (fol. 45) li permezz tieghu ntlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni f'dan il-kuntest ta' l-att tac-citazzjoni (fol. 43) – din l-istess vettura kienet involuta f'kollizjoni;

IV. Mid-deposizzjoni ta' PS 508 Frans Bezzina (fol. 28) u mill-kontenut ta' l-okkorrenza (fol. 33) fil-mument ta' l-incident il-vettura *de quo* kienet qed tinsaq minn certu Christopher Sammut;

V. B'rizultat ta' din il-habta l-vettura garrbet hsarat estensivi, kif hekk rizultanti mis-*survey* kondott minn Natalino Agius (fol. 30) u ahjar dettaljat fir-rapport tieghu (fol. 36 – fol. 38);

VI. L-ispiza nvoluta ghar-riparazzjonijiet u x-xiri ta' *spare parts* kienet tittotalizza s-somma ta' elf, tliet mija wiehed u tmenin lira Maltija, tmienja u tletin centezmu (Lm1381.38). Dan hu korroborat mill-*invoices* esebiti a fol. 17 u 18 tal-process. Oltre din is-somma qed jintalab ukoll il-hlas ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) bhala bilanc tal-prezz tal-kiri ta' l-istess vettura;

Is-soluzzjoni tal-materja hawn ezaminata jiddependi esklussivament fuq il-ftehim tal-kiri tal-vettura (fol. 14) u tal-kondizzjonijiet elenkati fuq ir-*retro* tad-dokument relattiv, li facsimili taghhom jinsabu esebiti a fol. 19 ta' l-

atti processwali. In effetti x-xhieda ta’ Felix Mifsud (fol. 20) u ta’ Marianne Bezzina (fol. 24), managing director u mpjegata rispettivament tas-socjeta` attrici, hi, tista’ tghid, essenzjalment arginata fuq dawn il-kondizzjonijiet kontrattwali u l-portata taghhom. B’mod espress huma jirreferu ghal kondizzjonijiet 1, 7c u 17 tal-ftehim;

Il-precitati kondizzjonijiet jipprovvdu s-segwenti:-

(i) “*The hirer must by over 25 years with at least two year’s driving experience*” – kundizzjoni (1);
(ii) “*Comprehensive insurance will not apply in case of an accident if ... the car is not being driven by the hirer(s) named overleaf*” – kundizzjoni (7c);
(iii) “*If any of the above terms of this agreement are breached, all responsibility of any damage caused to the vehicles fall on the hirer*” – kundizzjoni (17);

Bhala stat ta’ fatt jirrizulta mill-esebit a fol. 14 illi l-firmatarja li kriet il-vettura kienet il-konvenuta. Dan hu konfermat mix-xhud Joseph Vanhear (fol. 63) li kera l-vettura u ha hsieb il-mili tal-ftehim. Skond Marianne Bezzina (fol. 24) fil-kaz tal-konvenuta “id-dettalji mhumiex mehudin peress li din hija sid li ghandha hanut next door ma’ KTA (*sub-agent*) go Paceville” (fol. 24). Ir-raguni ghal dan hi spjegata minn dak mistqarr mix-xhud Felix Mifsud fis-sens illi “lil Marthese Attard, ahna mhux l-ewwel darba li krejnielha karozzi u generalment tehodhom open, jigifieri gieli ddum gimgha u ggibielna lura kemm ikollha bzonn iddum bil-karozza” (fol.22);

Jirrizulta wkoll illi fil-kaz ta’ l-incident surreferit il-vettura kienet qed tinsaq minn Christopher Sammut, u li dan is-sewwieq, skond ix-xhieda ta’ Felix Mifsud, “ammetta mieghi li hu ma kellux licenzja tas-sewqan” (fol. 23);

Dawn huma l-provi f’din l-istanza li fiha l-konvenuta baqghet kontumaci. Ma setghetx allura l-istess konvenuta, filwaqt li tipprevalixxi ruhha mill-fakolta` lilha konsentita mill-Qorti (Ara verbal tad-19 ta’ Frar 2001 a fol. 65) fit-termini ta’ l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12, tabbuza minn din l-istess fakolta billi tressaq

sottomissjonijiet fuq provi li mill-atti ma jirrizultawx. Id-dispost relattiv tal-ligi ma jistax, u ma ghandux, jigi interpretat bhala xi dritt koncess biex wiehed jesorbita mill-parametri tal-provi akkwiziti fil-process billi jressaq u jiddiskuti fatti li fl-istess process ma jinstabux. Tali licenzja tkun tfisser illi l-kontumaci jarroga ghalih id-dritt li *marte proprju* jiggustifika huwa stess, u minghajr il-ministeru tal-Qorti, l-istat kontumacjali tieghu u jressaq dawk il-provi li jidhirlu hu minghajr ma l-fatti jigu approvati, jew kuntrastati, skond is-soliti rekwiziti procedurali;

Tghid x'tghid ghalhekk il-konvenuta dwar li l-vettura nkriet minn Christopher Sammut u mhux minnha ma jistax jaghmel stat ta' fatt ghall-Qorti meta tali fatt mhux biss ma jirrizultax mill-atti talli addirittura hu zmentit mill-ftehim innifsu tal-kirja taht l-appozita firma tal-konvenuta u minn dak depost mix-xhud Joseph Vanhear fejn stqarr li l-konvenuta kienet giet wahedha u c-cavetta tal-vettura tahilha dak il-hin (fol. 63);

Huwa bil-wisq ovvju minn apprezzament tal-provi in atti illi l-konvenuta, *qua* kerrejja tal-vettura, kissret il-kundizzjonijiet tal-ftehim meta affidat il-karozza lil terza persuna li lanqas biss kellha licenzja tas-sewqan. Dan il-ksur gab bhala konsegwenza illi l-assikurazzjoni ma tirrispondix ghad-danni u s-socjeta` attrici ma setghetx tithallas tal-hsarat;

In tema ta' dritt, kif akkolt fil-gurisprudenza, jinsab ritenut illi "l-ispirtu animatur tal-ligi dwar l-assikurazzjoni ta' karozzi bil-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni kien dak illi jigi assikurat il-hlas tad-danni, lil min isoffrihom, derivanti minn kollizjoni ta' karozzi. Dik il-ligi holqot obbligazzjoni gdida, fis-sens illi bis-sahha taghha hadd ma jista' juza karozza tal-mutur fuq it-triq, jew igieghel jew jippermetti l-uzu ta' karozza tal-mutur fit-toroq, jekk ghall-uzu ta' dik il-karozza ma tkunx issehh polza ta' sikurta` jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni" – "**Michele Palmier *proprio et nomine –vs-* Nazzareno Zammit *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Gunju 1950; "**Carmelo Schembri –*vs*- John A Davies *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Gunju 1955;

"**Esther Micallef –*vs*- Simone Azzopardi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Ottubru 1994;

Riportat dan it-taghlim ghal kaz *de* quo necessarjament ifisser illi in vista tal-fatt illi l-vettura fil-mument ta' l-incident ma kienetx qed tinsaq mill-konvenuta, u fil-fatt ukoll kienet qed tinsaq minn sewwieq bla licenzja, gie li l-istess vettura ma kienetx assikurata, ossija saret lezjoni tat-termini tal-polza *'comprehensive'* li b'rizultat gab li l-assikurazzjoni ma kienetx tenuta tirrispondi u tirrizarcixxi d-danni. Dan apparti l-ksur ta' l-obbligu kontrattwali *per se*, kif kontemplat fil-kondizzjoni 17, u apparti wkoll in-normi direttivi tad-disposizzjonijiet specjali ta' l-istitut tal-kera u dawk l-ohra generali traccjati fil-Kodici Civili. *Inter alia*, l-Artikolu 1033;

Dan l-ahhar imsemmi artikolu jippreciza illi "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsarat li tigri minhabba f'hekk". In-nuqqas ta' hsieb tal-konvenuta, li spicca fi ksur tal-ligi kien jikkonsisti fil-fatt illi ma halliex lis-socjeta` attrici tithallas minghand is-socjeta` assikuratrici taghha ghad-danni subiti fil-vettura;

Apparti l-kwestjoni ampjament rilevata tal-ksur tal-kuntratt ta' ftehim, "meta l-karozza ma tkunx hekk assikurata (u dan ighodd ukoll fil-kaz li tkun hekk assikurata izda minhabba motivi imputabbli lit-terzi l-assikurazzjoni ma tkoprix id-dannu) huwa responsabbli ghad-danni derivanti minn kollizjoni mhux biss dak li jikkaguna direttament u materjalment il-hsara, jigifieri dak li kien qieghed jaghmel uzu mill-karozza, imma anke dak li jkun naqas li jassikura l-vettura (jew ghat-tort tieghu daqslikieku l-assigurazzjoni ma saretx). Din ir-responsabilita` hi solidali b'mod li min isofri l-hsara jista' jdur ghall-hlas taghha kontra min irid hu, jigifieri tant kontra l-wiehed jew l-iehor" (**Vol. XXXIV P II p 605; "Avv. Dottor Franz Refalo *nomine* –*vs*- Paul Caruana *et*"**, Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1995;

Dan kollu jfisser li s-socjeta` attrici ghandha dritt tirreklama d-danni li garrbet il-vettura taghha direttament minghand il-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuta hi fi htija ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici fil-vettura proprjeta` taghha Numru ta' Registrazzjoni X-5545 b'rizultat tal-ksur ta' l-obbligi kontrattwali tal-ftehim tal-kera ta' l-istess vettura datat 23 ta' Lulju 1996;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf, tliet mija wiehed u tmenin lira Maltija, tmienja u tletin centezmu (Lm1381.38,0) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta` attrici bl-imghax legali mit-3 ta' Lulju 1997, data ta' l-ittra ufficjali;

Tilqa' t-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) bilanc ta' kera ta' l-istess vettura;

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-istess konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------